MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1055/2000/1

**Avviz numru 1055/2000DM**

**Mirage Holding Limited**

**vs**

**Andre Cassar Bonaci**

]
**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ (Lm416) erba’ mija u sittax il-lira, kwantu ghal Lm391 import ta’ 15 il-kambjala annessi mal-avviz u mmarkati minn Dok 1 sa Dok 15, prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenutu minnhu accettati u iffermati u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u in kwantu ghal Lm25 imghaxijiet dovuti.

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali amonti ghal-Lm5 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma dehrx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ Lm416 (erba’ mija u sittax il-lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital ta’ Lm391 (tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin)i b’effett mill-25 t’ Awissu tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------